

Brussell, 8 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9756/18

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0907 (APP)

AG 8
PE 73
INST 210
FREMP 95

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 – Qbil fil-prinċipju – Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fil-11 ta' Novembru 2015 il-Parlament Ewropew (PE) adotta proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta d-dispożizzjonijiet li jemendaw l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, akkumpanjat minn riżoluzzjoni dwar ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali (GAG) ilu jeżamina l-proposta mill-bidu tas-sena 2016. Id-delegazzjonijiet setgħu jilhqqu qbil dwar approċċ komuni għal għadd ta' dispożizzjonijiet fil-proposta tal-PE. Madankollu, numru ta' dispożizzjonijiet baqgħu inaċċettabbli minħabba kwistjoni ta' prinċipju u/jew għal raġunijiet legali.
3. Fis-17 ta' April 2018, il-Kunsill (KAĠ)¹ iddiskuta r-riforma tal-liġi elettorali, iżda peress li ma setgħetx tintlaħaq unanimità, il-ministri qablu li jipposponu l-approvazzjoni, bil-kundizzjoni li d-delegazzjonijiet ineħħu r-riżervi pendenti tagħhom.

¹ Dok. 7597/18

4. Fil-Coreper fis-7 ta' Ġunju 2018, intlaħaq qbil unanimu dwar il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza², abbażi tal-proposta ppreżentata lill-Kunsill f'April u li ħadet il-forma ta' Deċiżjoni ta' emenda għall-Att Elettorali tal-1976. It-test maqbul kien sussegwentement rivedut mill-ġuristi-lingwisti³.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
- jaqbel fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti u kif inniżżel fid-dok. 9425/18, u
 - jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dok. 9425/18 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
-

² Dok. 9226/18

³ Dok. 9425/18.